I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1894/2006

## tat-18 ta' Diċembru 2006

## dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil relattivament għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni mal-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [1] stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Nomenklatura Magħquda", u stabbilixxa r-rati konvenzjonali tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 2006/1894/KE [2], il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil relattivament għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni mal-Komunità Ewropea bil-ħsieb li jingħalqu n-negozjati li nbdew skond l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat u supplimentat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

(a) L-Anness I (Nomenklatura Magħquda) tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandhom jiġu emendati bid-dazji u supplimentati bil-volumi indikati fl-Anness ma' dan ir-Regolament

(b) Il-Kodiċi NM 0201 30 00, 0202 30 90, 0206 10 95, 0206 29 91fl-Anness 7 (kwoti tad-WTO li għandhom jinfetħu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità) tat-Taqsima III tat-Tielet Parti għandhom jiġu emendati kif ġej:

(i) Id-deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja tal-KE ta' 5 000 tunnellata metrika "Laħam ta' kwalità għolja' mingħajr għadam, imkessaħ jew iffriżat, kif ġej: Qatgħat taċ-ċanga miksuba mill-għoġla (novilhos) jew erieġħ (novilhas) ta' età ta' bejn l-20 u l-24-il xahar, li kienu esklussivament jirgħu fil-mergħat, li tilfu l-inċiżuri temporanji ċentrali tagħhom iżda li m'għandhomx aktar minn erba' sinniet inċiżuri permanenti, li huma ta' maturità tajba u li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet ta' klassifikazzjoni għall-karkassi taċ-ċanga: laħam minn karkassi tal-klassijiet B jew R b'konformità mdawra sa dritta u bi klassi ta' xaħam 2 jew 3; il-qatgħat li jkollhom l-ittri 'sc' (*special cuts*) jew marka 'sc' (*special cuts*) bħala sinjal tal-kwalità għolja tagħhom jkunu ppakkjati ġewwa kaxex tal-kartun li jġibu l-kliem 'ċanga ta' kwalità għolja' 'għandha tiġi sostitwita minn' Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat";

(ii) Taħt "Termini u kondizzjonijiet oħra" għandu jiddaħħal it-test: "Pajjiż fornitur: Brażil"

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 (ĠU L 301, 31.10.2006, p. 1)

[2] Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ghandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 18 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-E.ENESTAM

*ANNESS*

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kitba li tiddeskrivi l-prodotti għandha tkun kunsidrata bħala kitba li għandha biss valur indikattiv, filwaqt li l-konċessjonijiet ikunu determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif dawn jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn jiġu indikati *ex*-kodiċi tan-NM, il-konċessjonijiet għandhom ikunu determinati mill-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

Parti Tnejn
Skeda ta' dazji doganali

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' dazju |
|---|---|---|
| 2106 10 80 | Konċentrati tal-proteina | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 2401 10 90 | Tabakk | Naqqas id-dazju lejn il-KE minn EUR 11,2 MIN 22,0/100 kg/net MAX EUR 56,0/100 kg/net għal EUR 10 MIN 22,0/100 kg/net MAX EUR 56,0/kg/net |

Parti Tlieta
Annessi tat-Tariffa

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' dazju |
|---|---|---|
| 1701 11 10 | Zokkor mhux raffinat biex ikun irraffinat | Pajjiż allokat (il-Brażil) kwota ta' rata tat-tariffa ta' 10 124 tunnellata bir-rata ta' kwota ta' EUR 98/tunnellata |
| 0207 14 10<br>0207 14 50<br>0207 14 70 | Qatgħat iffriżati ta' għasafar ta' l-ispeċi Gallus domesticus | Pajjiż allokat (il-Brażil) kwota ta' rata tat-tariffa ta' 2 332 tunnellata bir-rata ta' kwota ta' 0 % |
| 0207 11 10<br>0207 11 30<br>0207 11 90<br>0207 12 10<br>0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 0207 13 10<br>0207 13 20<br>0207 13 30<br>0207 13 40<br>0207 13 50<br>0207 13 60<br>0207 13 70<br>0207 14 20<br>0207 14 30<br>0207 14 40<br>0207 14 60 | Qatgħat tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 0207 14 10 | Qatgħat tat-tjur | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 0207 24 10<br>0207 24 90<br>0207 25 10<br>0207 25 90<br>0207 26 10<br>0207 26 20<br>0207 26 30<br>0207 26 40<br>0207 26 50<br>0207 26 60<br>0207 26 70<br>0207 26 80<br>0207 27 30<br>0207 27 40<br>0207 27 50<br>0207 27 60<br>0207 27 70 | Laħam tad-dundjan, frisk, imkessaħ jew friżat | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |

Parti Tlieta
Annessi tat-Tariffa

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' dazju |
|---|---|---|
| 0207 27 10<br>0207 27 20<br>0207 27 80 | Qatgħat tad-dundjan, iffriżat | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 1005 90 00<br>1005 10 90 | Qamħirrum; | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 2008 20 11<br>2008 20 19<br>2008 20 31<br>2008 20 39<br>2008 20 71<br>2008 30 11<br>2008 30 19<br>2008 30 31<br>2008 30 39<br>2008 30 79<br>2008 40 11<br>2008 40 19<br>2008 40 21<br>2008 40 29<br>2008 40 31<br>2008 40 39<br>2008 50 11<br>2008 50 19<br>2008 50 31<br>2008 50 39<br>2008 50 51<br>2008 50 59<br>2008 50 71<br>2008 60 11<br>2008 60 19<br>2008 60 31<br>2008 60 39<br>2008 60 60<br>2008 70 11<br>2008 70 19<br>2008 70 31<br>2008 70 39<br>2008 70 51<br>2008 70 59<br>2008 80 11<br>2008 80 19<br>2008 80 31<br>2008 80 39<br>2008 80 70 | Ananas, ċitru, lanġas, berquq, ċirasa, ħawħ u frawli ppriżervati | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |
| 2009 11 11<br>2009 11 19<br>2009 19 11<br>2009 19 19<br>2009 29 11<br>2009 29 19<br>2009 39 11<br>2009 39 19<br>2009 49 11<br>2009 49 19<br>2009 79 11<br>2009 79 19<br>2009 80 11<br>2009 80 19<br>2009 80 34<br>2009 80 35<br>2009 80 36<br>2009 80 38<br>2009 90 11<br>2009 90 19<br>2009 90 21<br>2009 90 29 | Meraq tal-frott | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |

Parti Tlieta
Annessi tat-Tariffa

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' dazju |
|---|---|---|
| 1806 | Ċikkulata | Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1) |

Id-deskrizzjoni tariffarja eżatta tal-KE-15 għandha tapplika għal-linji tariffarji u l-kwoti kollha ta' hawn fuq.